MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 528/2004

**Avviz numru 528/04DM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Maria Louise Wiffen (ID 412693 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija, hamsa u tmenin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (LM2,885.78) dovut lis-socjeta' attrici wara self maghmul mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-23 ta' Settembru, 2004, u bl-imghax legali mill-24 ta' Settembru, 2004, sal-pagament finali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma deherietx biex tikkontesta t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament rappresentant tal-Bank attur, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u qeghda tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-Bank attur is-somma mitluba ta’ elfejn, tmien mija, hamsa u tmenin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2,885.78) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Settembru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------